31985D0377

17.8.1985 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 220/1

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-7 ta' Ġunju 1985
li tistabbilixxi tipoloġija Komunitarja għal azjendi agrikoli

(85/377/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 79/65/KEE tal-15 ta' Ġunju 1965 li tistabbilixxi rettikolat għall-ġbir ta' dettalji tal-kontijiet dwar id-dħul u l-operazzjoni tan-negozju ta' l-azjendi agrikoli fil-Komunità Ekonomika Ewropea [1], kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KEE) Nru 2143/81 [2].

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1463/84 ta' l-24 ta' Mejju 1984 dwar l-organizzazzjoni ta' l-inkjesti dwar l-istruttura ta' l-azjendi agrikoli għall-1985 u 1987 [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 78/463/KEE tas-7 ta' April 1978 li tistabbilixxi tipoloġija Komunitarja għall-azjendi agrikoli [4], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 84/542/KEE [5], tiddefinixxi fl-Artikolu 1 iż-żewġ fatturi li fuqhom hija bbażata t-tipoloġija Komunitarja, b'mod partikolari, it-tip ta' biedja u d-daqs ekonomiku ta' l-azjenda; billi dawn iż-żewġ fatturi huma iddeterminati abbażi tal-marġini *gross standard* (MGS);

Billi l-marġini *gross standard* kif definit fl-Artikolu 1(d) tad-Deċiżjoni msemmija qabel huwa kriterju ekonomiku, espress f'termini monetarji; billi dan il-kriterju għandu jgħaddi minn tibdiliet tul iż-żmien;

Billi l-marġini *gross standard* preskritti fl-Anness I tad-Deċiżjoni msemmija qabel huma bbażati fuq valuri medji tul perjodu ta' referenza; billi, għalhekk, għandhom jiġu aġġornati regolarment sabiex jieħdu kont tat-tendenzi ekonomiċi sabiex it-tipoloġija tkun tista' tkompli tiġi applikata b'mod sinifikanti għall-iskopijiet speċifikati fl-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni; billi għandu jiġi provdut għal frekwenza sakemm jista' jkun marbuta mas-snin li fihom jitwettqu inkjesti dwar l-istruttura ta' l-irziezet;

Billi hemm bżonn li l-iskema ta' klassifika adottata bid-Deċiżjoni 78/463/KEE għandha tiġi emendata billi jittieħed akkont aħjar taċ-ċirkostanzi regjonali, speċjalment fl-Istati Membri li jkunu daħlu fil-KEE minn meta dik id-Deċiżjoni kienet daħlet fis-seħħ, u tal-bidliet magħmula għal-lista ta' intestaturi wżati fl-inkjesti ta' struttura;

Billi, b'dankollu, l-iskema għandha sa fejn jista' jkun possibbli tinżamm kif inhi, sabiex tiġi assigurata kontinwità biżżejjed fil-ħin u b'hekk tkun permessa analiżi tat-tendenza;

Billi l-Unità ta' Daqs Ewropea tikkostitwixxi unità bażika espressa f'termini ta' valur monetarju għal perjodu ta' referenza

---

[1] ĠU No 109, tat-23.6.1965, p. 1S59.
[2] ĠU No L 210,tat-30.7.1981, p. 1.
[3] ĠU No L 142, tad-29.5.1984, p. 3.
[4] ĠU No L 148, tal-5.6.1978, p. 1.
[5] ĠU No L 293, ta' l-10.11.1984, p. 22.

partikolari; billi dan il-valur jgħaddi minn bidliet matul iż-żmien taħt l-influwenza ta' bidliet fil-fatturi varji li jiddeterminaw xejriet agro-ekonomiċi; billi, sabiex l-Unità Ewropea ta' Daqs tibqa' kompletament sinifikanti fil-kuntest tat-tipoloġija Komunitarja, id-definizzjonijiet tagħha għandhom ikunu regolarment aġġornati fl-istess ħin ta' meta l-MGS huma aġġustati;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Komunitarju għar-Rettikolat tad-Dettalji tal-Kontijiet ta' l-Irziezet tal-KEE u l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola;

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

IL-KAPITOLU I

Tipoloġija Komunitarja għal azjendi agrikoli

L-Artikolu 1

Għall-iskop ta' din id-Deċiżjoni, "Tipoloġija Komunitarja għal azjendi agrikoli" (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "tipoloġija") għandha tfisser klassifika uniformi ta' l-azjendi fil-Komunità bbażata fuq it-tip ta' biedja u d-daqs ekonomiku tagħhom, irranġata b'tali mod li gruppi omoġenji ta' azjendi jistgħu jiġu miġbura fi grad akbar jew anqas ta' aggregazzjoni. It-tip ta' biedja u d-daqs ekonomiku ta' l-azjenda għandhom jiġu determinati abbażi tal-marġini *gross standard*.

L-Artikolu 2

1. It-tipoloġija għandha tkun maħsuba sabiex tissodisfa b'mod partikolari l-ħtiġiet ta' l-informazzjoni tal-istrateġija agrikola komuni.

2. L-iskop tat-tipoloġija għandu jkun li tipprovdi strument li jagħmilha possibbli, fil-livell Komunitarju:

— l-analiżi tas-sitwazzjoni ta' l-azjendi bbażata fuq kriterji ekonomiċi;

— il-paraġuni tas-sitwazzjoni ta' l-azjendi

  — bejn il-klassijiet varji fit-tipoloġija;

  — bejn Stati Membri jew bejn reġjuni ta' l-Istati Membri;

  — bejn perjodi differenti.

3. L-applikazzjonijiet tat-tipoloġija għandhom jinkludu prinċipalment il-preżentazzjoni, skond it-tip ta' biedja u skond id-daqs tal-klassi, ta' dettalji miġbura permezz ta' inkjesti dwar l-istruttura ta' rziezet Komunitarji u r- Rettikolat tad-Dettalji tal-Kontijiet ta' l-Irziezet Komunitarji.

IL-KAPITOLU II

Il-Marġini gross standard

L-Artikolu 3

Għall-iskop ta' din id-Deċiżjoni, "marġini *gross standard*" (MGS) għandha tfisser il-bilanċ bejn il-valur *standard* ta' produzzjoni u l-valur *standard* ta' ċerti spejjeż speċifiċi kif stabbilit fl-Anness I; dan il-bilanċ għandu jiġi determinat għall-karatteristiċi varji ta' l-uċuħ u l-bhejjem f'kull reġjun.

L-Artikolu 4

Il-marġini *gross standard* ta' l-azjenda għandu jikkorrespondi għas-somma tal-valuri akwistati għal kull karatteristika bil-multiplikazzjoni ta' l-MGS għal kull unità man-numru ta' l-unitajiet korrespondenti.

L-Artikolu 5

Il-marġini *gross standard* għandu jiġi determinat bl-użu tad-dettalji bażiċi medji kkalkolati matul perjodu ta' referenza ta' bosta snin. Għandhom jiġu aġġornati sabiex jieħdu akkont tax-xejriet ekonomiċi. L-Anness I jistabbilixxi l-proċeduri għall-ġbir tad-dettalji, il-metodu tal-kalkolazzjoni u l-frekwenza sabiex jiġu iddeterminati l-MGS.

IL-KAPITOLU III

It-Tip ta' biedja

L-Artikolu 6

Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni it-"tip ta' biedja" ta' l-azjenda għandha tiġi determinata permezz tal-kontribuzzjoni relattiva ta' l-impriżi differenti għall-marġini *gross standard* totali tagħha.

L-Artikolu 7

Jiddependi mill-ammont ta' dettall meħtieġ, it-tipi ta' biedja għandhom jinqasmu fi:

— it-tipi ġenerali ta' biedja,

— it-tipi prinċipali ta' biedja,

— it-tipi partikolari ta' biedja,

— is-subdiviżjonijiet ta' ċerti tipi partikolari ta' biedja.

Dawn is-subdiviżjonijiet m'għandhomx ikunu obbligatorji għal dawk l-Istati Membri li fihom, in-numru ta' azjendi f'dan it-tip ta' biedja huwa żgħir. Il-klassifika ta' l-azjendi skond it-tip ta' biedja għandha tkun kif stabbilita fl-Anness II.

IL-KAPITOLU IV

Id-Daqs ekonomiku ta' l-azjenda

L-Artikolu 8

Id-daqs ekonomiku ta' l-azjenda għandu jiġi determinat abbażi tal-marġini *gross standard* totali ta' l-azjenda. Għandu jiġi espress f'termini ta' Unitajiet ta' Daqs Ewropej (ESU). Din l-unità għandha tiġi definita skond l-Anness III A. Il-metodu ta' kalkolu tad-daqs ekonomiku ta' l-azjenda għandu jkun kif stabbilit fl-Anness III B.

L-Artikolu 9

Il-klassijiet tad-daqs ekonomiku ta' l-azjendi għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness III C, il-

KAPITOLU V

Dispożizzjonijiet ġenerali

L-Artikolu 10

Id-Deċiżjoni 78/463/KEE għandha tibqa' fis-seħħ għal applikazzjonijiet li jirrelataw għall-perjodu qabel l-1985. Applikazzjonijiet sussegwenti għandhom ikunu bbażati fuq id-Deċiżjoni preżenti. L-ewwel applikazzjoni ta' dan it-tip għandha tutilizza MGS li jikkorrispondu għall-perjodu ta' referenza "1982" (snin kalendarji 1981, 1982 u 1983 jew għas-snin ta' produzzjoni agrikola 1981/82, 1982/83 u 1983/84) stabbiliti kif elenkat fil-Kapitolu II.

L-Artikolu 11

Il-Kummissjoni, mgħejjuna mill-Istati Membri, għandha tirrevedi għallinqas kull għaxar snin l-esperjenza akwistata fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u kwalunkwe ħtiġiet Komunitarji ġodda li jirriżultaw fil-qasam. Wara din ir-reviżjoni, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jistgħu jiġu emendati kif meħtieġ.

L-Artikolu 12

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Ġunju 1985.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Viċi-President

L-ANNESS 1

MARĠINI GROSS STANDARD (MGS)

1. DEFINIZZJONI TA' U PRINĊIPJI GĦALL-KALKOLU TA' MGS

(a) Il-**marġini gross** ta' impriża agrikola jfisser il-valur monetarju ta' produzzjoni grossa li minnu jitnaqqsu spejjeż speċifiċi korrispondenti.

Il-**marġini gross standard** (MGS) tfisser il-valur tal-marġini *gross* korrispondenti għas-sitwazzjoni medja f'reġjun partikolari għal kull karatteristika agrikola.

(b) **Produzzjoni grossa** hija s-somma tal-valur tal-prodott(i) prinċipali u tal-prodott(i) sekondarji.

Il-valuri huma kkalkolati billi l-produzzjoni għal kull unità (tneħħi kwalunkwe telf) tiġi mmultiplikata bil-prezz kif tinbiegħ mir-razzett, VAT mhux inkluż.

Produzzjoni grossa tinkludi wkoll sussidji marbuta ma' prodotti, maż-żona u/jew mal-qobla.

(ċ) **Sabiex jiġu kkalkolati l-MGS l-ispejjeż speċifiċi li ġejjin huma mnaqqsa mill-produzzjoni grossa:**

(1) *Fil-każ ta' produzzjoni ta' l-uċuħ*

— iż-żrieragħ (mixtrija jew prodotti fir-razzett),

— il-fertilizzanti mixtrija,

— il-prodotti ta' protezzjoni ta' l-uċuħ,

— l-ispejjeż speċifiċi varji li jinkludu:

— l-ilma għall-iskopijiet ta' l-irrigazzjoni,

— it-tisħin,

— it-tnixxif,

— l-ispejjeż speċifiċi ta' tqegħid fis-suq (e.g. għażla, tindif, ippakkjar), u spejjeż tal-ipproċċessar,

— l-ispejjeż speċifiċi ta' l-assigurazzjoni,

— l-ispejjeż speċifiċi oħrajn.

(2) *Fil-każ ta' produzzjoni ta' qobla*

— l-ispejjeż ta' sostituzzjoni tal-qobla;

— l-għalf:

— għalf ikkonċentrat (mixtri jew magħmul fir-razzett),

— għalf mhux raffinat;

— spejjeż speċifiċi varji li jinkludu:

— ħlas tal-veterinarji,

— spejjeż ta' servizz naturali u ta' l-inseminazzjoni artifiċjali,

— spejjeż li jirrelataw għal kontroll ta' l-operazzjoni u bħalhom,

— spejjeż speċifiċi għal tqegħid fis-suq (e.g. għażla, tindif, ippakkjar), u spejjeż tal-ipproċċessar,

— spejjeż speċifiċi ta' l-assigurazzjoni,

— spejjeż speċifiċi oħra.

Dawn li ġejjin mhumiex inklużi fl-ispejjeż speċifiċi li għandhom jitnaqqsu: l-ispejjeż tat-tħaddim, makkinarju, bini, karburanti u lubrikanti, manutenzjoni u deprezzament għal makkinarju u t-tagħmir, xogħol b'kuntratt. B'dankollu, jiġu mnaqqsa l-ispejjeż ta' xogħol b'kuntratt li jkollu x'jaqsam ma't-tiġdid u t-tneħħija ta' uċuħ permanenti u ta' tnixxif ta' uċuħ.

L-ispejjeż speċifiċi huma stabbiliti abbażi tal-prezzijiet kif imqassma lill-irziezet, VAT mhux inkluża, tneħħi kwalunkwe sussidji marbuta mal-komponenti ta' dawn l-ispejjeż.

(d) **Perjodu ta' produzzjoni**

L-MGS jikkorrespondu għal perjodu ta' produzzjoni ta' 12-il xahar (sena kalendarja jew sena ta' produzzjoni agrikola).

Għal prodotti ta' l-uċuħ u prodotti ta' bhejjem li għalihom il-perjodu ta' produzzjoni huwa inqas minn jew jeċċedi t-tnax-il xahar, jiġi kkalkolat MGS li jikkorrespondi għat-tkabbir jew il-produzzjoni fi 12-il xahar.

(e) **Dettalji bażiċi u perjodu ta' referenza**

L-MGS jiġu stabbiliti bl-użu ta' fatturi msemmija fil-punti (b) u (c) fuq. Għal dan l-iskop, id-dettalji bażiċi jinġabru fl-Istati Membri mill-kontijiet ta' l-irziezet jew mill-inkjesti speċifiċi, jew tiġi kkompilata minn kalkoli xierqa għal perjodu ta' referenza li jkopri tlett snin kalendarji suċċessivi jew snin ta' produzzjoni agrikola. Il-perjodu ta' referenza huwa l-istess għall-Istati Membri kollha u jiġi stabbilit mill-Kummissjoni f'konsultazzjoni magħhom.

(f) **Unitajiet**

(1) *Unitajiet fiżiċi:*

(a) L-MGS għal uċuħ huma stabbiliti fuq il-bażi ta' żona espressa f'ettari.

Għal faqqiegħ, iżda, l-MGS jiġu stabbiliti fuq il-bażi ta' produzzjoni grossa u spejjeż speċifiċi għall-ħsad annwali suċċessiv kollu u jiġu espressi għal kull100 m^2 ta' żona taħt l-uċuħ. Għall-użu tagħhom fil-kuntest tar-Rettikolat tad-Dettalji għall-Kontabilità tar-Razzett l-MGS, stabbiliti b'dan il-mod, jinqasmu bin-numru ta' ħsad annwali suċċessiv, dan in-numru jiġi kkomunikat mill-Istati Membri.

(b) L-MGS li jirrelataw għall-bhejjem jiġu stabbiliti skond ir-ras, minbarra tjur, li għalihom jiġu stabbiliti f'termini ta' 100 ras u għal naħal, li għalihom jiġu stabbiliti skond il-ġarra.

(2) *Unitajiet monetarji u arrotondar*

Id-data bażika sabiex jiġu stabbiliti l-MGS u l-MGS ikkalkolati huma stabbiliti fil-muniti nazzjonali tal-Istati Membri.

L-MGS huma mbagħad ikkonvertiti f'ECU billi jintużaw ir-rati medji tal-kambju medji għall-perjodu ta' referenza kif definit fil-punt 1 (e) ta' dan l-Anness. Dawn ir-rati jiġu kkomunikati mill-Kummissjoni lill-Istati Membri. Meta xieraq l-MGS jistgħu jiġu arrotondati 5 ECU.

2. TQASSIM TA' L-MGS

(a) **Skond il-karatteristiċi ta' l-uċuħ u tal-bhejjem**

(1) L-MGS jiġu stabbiliti għall-impriżi agrikoli kollha li jikkorrespondu għall-intestaturi ta' l-inkjesti ta' l-istruttura tal-irziezet Komunitarji bil-mod stabbilit f'dawk l-inkjesti.

(2) Fil-każ ta' Stati Membri li jipprovdu dettalji supplimentari għall-intestaturi ta' l-inkjesti, l-MGS li jikkorrespondu għal dawk id-dettalji huma wkoll stabbiliti fl-istess linji.

(b) **Tqassim ġeografiku**

— l-MGS jiġu stabbiliti għall-inqas abbażi ta' l-unitajiet ġeografiċi li huma kompatibbli ma' dawk użati għall-inkjesti dwar l-istruttura tal-irziezet Komunitarji u għar-Rettikolat tad-dettalji dwar il-Kontabilità ta' l-Irziezet.

— L-ebda MGS ma huwa stabbilit għal impriżi li ma jkunux involuti fir-reġjun konċernat.

— Fil-każ ta' unitajiet ġeografiċi li għalihom l-Istati Membri jgħaddu l-informazzjoni li tindika jekk azjenda tinstabx f'żona inqas iffavorita jew f'żona muntanjuża, MGS separati huma forniti għaż-żoni inqas iffavoriti jew muntanjużi u għaż-żoni l-ohrajn ta' l-unità ġeografika kull meta dan huwa xieraq u importanti li ssir din id-distinzjoni.

3. IL-GBIR TAD-DETTALJI U L-FREKWENZA SABIEX JIĠU STABBILITI L-MGS

(a) Għall-inqas kull 10 snin id-dettalji bażi'i sabiex jiġu stabbiliti l-MGS għandhom jiġġeddu abbażi ta' osservazzjonijiet magħmula għal kontijiet tal-irziezet jew l-inkjesti speċifiċi, jew ikkompilati minn kalkoli xierqa.

(b) Fil-perjodu ta' 10 snin bejn żewġ tiġdidiet suċċessivi, kif previst taħt (a), l-MGS jiġu normalment aġġornati kull sentejn. Dan l-aġġornament isir:

— jew b'tiġdid tad-dettalji bażiċi b'mod simili għal dak speċifikat taħt (a).

— jew bl-użu ta' metodu ta' kalkolu li permezz tiegħu l-MGS jistgħu jiġu aġġornati. Il-prinċipji li japplikaw għal dan il-metodu huma stabbiliti f'livell Komunitarju.

(ċ) il-perjodi ta' referenza għal tiġdid tal-informazzjoni u għal aġġornament tal-kalkoli, kif previst taħt (a) u (b) hawn fuq, huma l-istess għall-Istati Membri kollha u jiġu ffissati mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni magħhom.

Dawn il-perjodi ta' referenza għandhom ikunu kemm jista' jkun possibbli marbuta mad-dati ta' inkjesti Komunitarji dwar l-istruttura ta' l-azjendi agrikoli

4. L-EŻEKUZZJONI

L-Istati Membri huma responsabbli, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness, biex jiġbru informazzjoni bażika meħtieġa għall-kalkolu ta' l-MGS's u biex jikkalkolawhom, għall-konverżjoni tagħhom f'ECU u sabiex tinġabar l-informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni tal-metodu ta' l-aġġornament, jekk xieraq.

Jgħaddu l-informazzjoni disponibbli u riżultati lill-Kummissjoni f'format *standard*. Dan il-format jiġi stabbiliti mill-Kummissjoni f'konsultazzjoni ma' l-Istati Membri.

5. TRATTAMENT TA' KAŻI SPEĊJALI

Ir-regoli speċjali li ġejjin huma stabbiliti għall-kalkolu ta' MGS għal ċerti tipi ta' impriżi:

(a) **Bhejjem li jirgħu u uċuħ ta' l-għalf**

1. *Regola ġenerali*

Il-metodu ta' l-applikazzjoni tal-MGS għal bhejjem li jirgħu u l-uċuħ għall-għalf jiddependi fuq il-proporzjon li jeżisti bejn iż-żewġ gruppi tal-karatteristiċi ta' l-azjenda. L-ispiża varjabbli ta' l-uċuħ għall-għalf titnaqqas fil-kalkolu ta' MGS ta' bhejjem li jirgħu. Meta tiġi applikata t-tipoloġija Komunitarja l-MGS ta' l-uċuħ għall-għalf jiġu għalhekk bħala regola ġenerali trattati bħala li jkunu ugwali għal żero.

2. *Ebda bhejjem li jirgħu*

(i) Uċuħ għall-għalf mingħajr bhejjem li jirgħu

Jekk ma jkun hemm l-ebda bhejjem li jirgħu fl-azjenda, l-uċuħ ta' l-għalf normalment fi produzzjoni kummerċjali jiġu ttrattati bl-istess mod bħal kultivazzjonijiet oħra u l-MGS li korrispondenti jiġu applikati għalihom.

(ii) Mergħat u meded ta' art permanenti mhux okkupati minn bhejjem li jirgħu

Sabiex ikun possibbli li l-azjendi jiġu kklassifikati, li parti l-kbira miż-żona tagħhom tikkonsisti f'mergħat jew f'meded ta' art permanenti li mhumiex fi produzzjoni kummerċjali u li fil-ħin ta' l-inkjesta mhumiex okkupati minn bhejjem li jirgħu, MGS nominali fuq bażi ta' rata uniformi jistgħu jiġu ffissati għal din il-karatteristika f'reġjuni meta dawn il-każi jsiru ta' spiss, u applikati għal dawn l-azjendi.

3. *Sitwazzjoni mhux ibbilanċjata ta' għalf*

Jekk ikun hemm nuqqas jew żieda fl-azjenda, kif definit fi (i) hawn taħt, għandhom jiġu applikati dispożizzjonijiet speċjali:

— fil-każ ta' nuqqas ta' għalf, jiġu applikati MGS speċjali għal bhejjem li jirgħu bil-mod deskritt fi (ii) hawn taħt,

— fil-każ ta' żieda ta' għalf, jiġu applikati l-MGS għal kultivazzjonijiet għall-għalf bil-mod deskritt fi (iii) hawn taħt.

(i) Għal kull reġjun għandu jiġi stabbilit limitu li barra minnu l-azjenda tiġi kkunsidrata bħallikieku għandha żieda jew nuqqas ta' għalf.

Ikun hemm nuqqas ta' għalf f'azjenda jekk il-proporzjon R = MGS bhejjem li jirgħu/uċuħ ta' għalf MGS jeċċedi l-limitu R_D. Ikun hemm żieda ta' għalf jekk dak il-proporzjon ikun taħt il-limitu R_S.

(ii) Fil-każ ta' nuqqas ta' għalf ($R > R_D$), l-uċuħ kollha ta' l-għalf huma meqjusa bħala li jkollhom l-MGS ugwali għal-żero. (Għat-tipi kollha ta' bhejjem li jirgħu, parti waħda (inkluż fejn meħtieġ, frazzjonijiet ta' l-annimali)) $\frac{R_d}{R}$ egwali għal hija meqjusa bħala li taqa' taħt is-sistema "normali", f'liema każ il-MGS normali huma applikati; il-parti li jifdal $\frac{(R - R_d)}{R}$ hija meqjusa bħala li tkun affetwata bin-nuqqas ta' l-għalf u MGS iffissati speċjalment għal qobla li jirgħu huma applikati.

(iii) Fil-każ ta' żieda ta' għalf ($R = R_S$), valutazzjoni tal-parti żejda tal-qasam tal-valutazzjoni tal-parti żejda tal-qasam għal kull wicc ta' l-għalf għandha ssehh, billi tkun applikata l-MGS korrespondenti għal din il-parti $\frac{(R_S - R)}{R_S}$. Il-parti żejda tikkosserpondi, bħala regola, għal Fil-każi specifici, b'dana kollu, din il-parti żejda tista tkun definita b'relazzjoni ma l-għatba tal-valutazzjoni R_V li tkun għola minn R_S. Fil-każ ta' żieda fil-għalf, il-MGS normali hija applikata għal kull intestatura ta' qobla li jirgħu

(iv) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxi l-limiti R_D u R_S u, jekk xieraq, R_V għal kull regjun u jikkomunikawhom lil-Kummissjoni.

(v) — Uċuħ tal-mergħa li dwarhom japplikaw id-dispożizzjonijiet speċjali huma dawn li ġejjin:

Dl2: għerqu u tuberi ta' l-għalf,

D18: pjanti ta' l-għalf,

F0l: xagħri u art tal-mergħa, eskluża l-mergħa fil-bagħali,

F02: mergħa fil-bagħali.

— Il-qobla li jirgħu li dwarhom japplikaw id-dispożizzjonijiet speċjali huma dawn li ġejjin:

JOl: ekwidi,

JO2 sa J08: bhejjem tal-ifrat,

JO9: nagħaġ,

Jl0: mogħoż.

(b) **Raba' mserraħ**

Sabiex tkun possibbli l-klasifikazzjoni ta' l-oqsma li fil-waqt ta' l-istħarriġ ikollhom biss raba' mserraħ, il-MGS nominali, fuq bażi ta' rata dritta, jistgħu jkunu stabbiliti għal din il-karatteristika fir-reġjuni ta' fejn każ bħal dawn iseħħu ta' spiss, u applikati għal dawn l-oqsma.

(ċ) **Ġonna tal-kċejjen**

La darba l-prodotti mill-ġonna tal-kċejjen ma jkunux normalment intiżi għall-bejgħ, l-MGS huma ġeneralment meqjusa bħala egwali għal żero. B'dana kollu, għal reġjuni fejn il-ġonna tal-kċejjen li jgħamlu kontribuzzjoni għall-produzzjoni grossa tal-qasam ikunu komuni, l-MGS jistgħu jkunu ddeterminati bl-applikazzjoni, b'analoġija, tar-regoli u l-metodi stabbiliti f'dan l-Anness.

(d) **Qżieqeż**

L-MGS li jirrigwardjaw il-qżieqeż huma meqjusa meta ssir il-kalkolazzjoni ta' l-MGS totali tal-qasam biss meta l-ebda qżieqeż nisa li jkunu jreddgħu ma jkunu fuq dak il-qasam.

L-ANNESS II

KLASSIFIKA TA' L-AZJENDI AGRIKOLI SKOND IT-TIP TA' BIEDJA

A. SKEMA TA' KLASSIFIKA

Tip ġenerali ta' biedja	Tip prinċipali ta' biedja	Tip partikolari ta' biedja	Suddiviżjonijiet ta' biedja partikolari
		Azjendi speċjaliżżati – uċuħ	
1. Uċuħ speċjaliżżati tar-raba	11. ċereali speċjalisti (barra mir-ross)	112. Ross speċjalist	
		113. ċereali u ross ikkombinat	
	12. Uċuħ ġenerali tar-raba	121. Uċuħ speċjalisti ta' l-egħruq	
		122. ċereali u uċuħ ta' l-egħruq ikkombinati	
		123. ħaxix speċjalist tar-raba	
		124. Uċuħ varji tar-raba	1241. Tabakk speċjalist
			1242. Qoton speċjalist
			1243. żerriegħa taż-żejt u uċuħ tattessili speċjalisti
			1244. Uċuħ varji tar-raba' kkombinati
2. Ortikultura speċjalista	20. Ortikultura speċjalista	201. ħaxix speċjalist tal-ġnien tas-suq	
			2011. ħaxix speċjalist tal-ġnien tas-suq- fuq barra
			2012. ħaxix speċjalist tal-ġnien tas-suq- tas-serer
			2013. ħaxix speċjalist tal-ġnien tas-suq, fuq barra u tas-serer ikkombinat
		202. Fjuri u ornamentali speċjalisti	
			2021. Fjuri u ornamentali speċjalisti- fuq barra
			2022. Fjuri u ornamentali speċjalisti- tas-serer

Tip ġenerali ta' biedja	Tip prinċipali ta' biedja	Tip partikolari ta' biedja	Suddiviżjonijiet ta' biedja partikolari
2. Ortikultura speċjalista *(ikompli)*			2023. Fjuri u ornamentali speċjalisti, fuq barra u tas–serer ikkombinati
		203. Uċuħ ġenerali tal–ġnien tas–suq	
			2031. Uċuħ ġenerali tal–ġnien tas–suq– fuq barra
			2032. Uċuħ ġenerali tal–ġnien tas–suq– tas–serer
			2033. Faqqiegħ speċjalist
			2034. Uċuħ varji tal–ġnien tas–suq ikkombinati
3. Uċuħ permanenti speċjalisti	31. Dwieli speċjalisti	311. Inbid speċjalist ta' kwalità	
		312. Inbid speċjalist barra minn inbid ta' kwalità	
		313. Inbid ta' kwalità u nbid ieħor ikkombinati	
		314 Dwieli għal tipi varji ta' produzzjoni	3141. Egħneb speċjlist tal–mejda
			3142. żbib speċjalist
			3143. Dwieli mħallta
	32. Frot u frott taċ–ċitru speċjalist		
		321. Frott speċjalist (barra minn taċ–ċitru)	3211. Frott frisk speċjalist (barra minn taċ–ċitru)
			3212 Lewż speċjalist
			3213. Frott frisk (barra minn taċ–ċitru) u lewż ikkombinat
		322. Frott taċ–ċitru speċjalist	
		323. Frott u frott taċ–ċitru kkombinat	
	33. żebbuġ speċjalist	330. żebbuġ speċjalist	
	34. Uċuħ varji permanenti kkombinati	340. Uċuħ varji permanenti kkombinati	

Tip ġenerali ta' biedja	Tip prinċipali ta' biedja	Tip partikolari ta' biedja	Suddiviżjonijiet ta' biedja partikolari
		Azjendi speċjaliżżati — il–produzzjoni ta' l–annimali	
4. Bhejjem li jirgħu speċjalisti	41. Dawk tal–ħalib speċjalist	411. Il–produzzjoni speċjalista tal–ħalib	
		412. Il–produzzjoni speċjalista tal–ħalib bit–trobbija tal–bhejjem	
	42. Il–bhejjem speċjalisti– it–trobbija u s–simna	421. Bhejjem speċjalisti – l–iktar it–trobbija	
		422. Bhejjem speċjalisti – l–iktar is–simna	
	43. Bhejjem– dawk tal–ħalib, it–tkabbir u s–simna kkombinati		
		431. Il–Bhejjem – dawk tal–ħalib bit–trobbija u s–simna	
		432. Bhejjem – it–trobbija u s–simna bid–dawk tal–ħalib	
	44. Nagħaġ, mogħoż u bhejjem oħra li jirgħu	441. Nagħaġ speċjalist	
		442. Nagħaġ u bhejjem ikkombinati	
		443. Mogħoż speċjalist	
		444. Bhejjem varji li jirgħu – ebda intrapriża dominanti	
5. Granivori speċjalisti	50. Granivori speċjalisti		
		501. Majjali speċjalisti	5011. It–trobbija speċjalista ta' majjali
			5012. Is–simna speċjalista tal–majjali
			5013. It–trobbija u s–simna tal–majjali kkombinati
		502. Tjur speċjalisti	5021. Saffi speċjalisti
			5022. Il–laħam tat–tjur speċjalist
			5023. Is–Saffi u l–laħam tat–tjur ikkombinati
		503. Granivori varji kkombinati	5031. Majjali u tjur ikkombinati
			5032. Majjali, tjur u granivori oħra kkombinati

Tip ġenerali ta' biedja	Tip prinċipali ta' biedja	Tip partikolari ta' biedja	Suddiviżjonijiet ta' biedja partikolari
		Azjendi mħallta	
6. Uċuħ imħallta	60. Uċuħ imħallta	601. ġonna għas-suq u uċuħ permanenti kkombinati	
		602. Uċuħ tar-raba' u ġonna għas-suq ikkombinati	
		603. Uċuħ għar-raba' u dwieli kkombinati	
		604. Uċuħ għar-raba' u uċuħ permanenti kkombinati	
		605. uċuħ imħallta, l-iktar uċuħ tar-raba	
		606. Uċuħ imħallta, l-iktar ġonna għas-suq jew uċuħ permanenti	6061. Uċuħ imħallta, l-iktar ġonna għas-suq
			6062. Uċuħ imħallta, l-iktar uċuħ permanenti
7. Azjendi ta' bhejjem imħallta	71. Bhejjem imħallta, l-iktar bhejjem li jirgħu	711. Bhejjem imħallta, l-iktar dawk tal-ħalib	
		712. Bhejjem imħallta, l-iktar bhejjem li jirgħu ta' xort' oħra minn dawk tal-ħalib	
	72. Bhejjem imħallta, l-iktar granivori	721. Bhejjem imħallta; granivori u dawk tal-ħalib ikkombinati	
		722. Bhejjem imħallta: granivori u bhejjem li jirgħu ta' xort' oħra minn dawk tal-ħalib ikkombinati	
		723. Bhejjem imħallta: granivori ma' bhejjem varji	
8. Uċuħ imħallta- bhejjem	81. Uċuħ tar-raba' bhejjem li jirgħu ikkombinati	811. Uċuħ tar-raba' ikkombinati ma dawk tal-ħalib	
		812. Dawk tal-ħalib ikkombinati ma' uċuħ tar-raba	
		813. Uċuħ tar-raba' ikkombinati ma' bhejjem li jirgħu ta' xort' oħra minn dawk tal-ħalib	
		814. Bhejjem li jirgħu barra minn dawk tal-ħalib immobinati ma' uċuħ tar-raba	

Tip ġenerali ta' biedja	Tip prinċipali ta' biedja	Tip partikolari ta' biedja	Suddiviżjonijiet ta' biedja partikolari
8. Uċuħ imħallta- bhejjem *(ikompli)*	82. Uċuħ u bhejjem varji kkombinati	821. Uċuħ tar-raba' u granivori kkombinati 822. uċuħ permamenti u bhejjem li jirgħu ikkombinati 823. Uċuħ varji mħallta u bhejjem	8231. Apikultura 8232. Varji azjendi mħallta
9. Azjendi mhux klassifikabbli			

B. DEFINIZZJONI TAT-TIPI

It-tipi ta' biedja huma definiti minn żewġ fatturi:

(a) **In-natura ta' l-impriżi kkonċernati.**

Dawn l-impriżi jirreferu għal-lista ta' karatteristiċi li saret inkjesta fuqhom fl-inkjesti strutturali ta' l-1985 u l-1987; huma indikati bl-użu tal-kodiċi fl-Anness mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1463/84 jew b'kodiċi li jiġbor ħafna minn dawk il-karatteristiċi kif stabbilit fl-Anness II l-Anness Ċ [1].

(b) **L-eġħtiebi li jistabilixxu il-limiti tal-klassi.**

Sakemm mhux indikat b'mod ieħor, dawn l-eġħtiebi huma espressi bħala frazzjonijiet ta' l-MGS totali ta' l-azjenda.

[1] Il-karatteristiċi D 12 (Għeruq u tuberi għall-għalf), D18 (Pjanti għall-għalf), D21 (Art mhux ikkoltivata), E (Ġonna tal-kċina), F01 (Merġħat u meded ta' art, eskluži merġħat mhux ikkultivati), F02 (Mergħa mhux ikkoltivata) u J11 (Majjali) jintużaw biss taħt ċerti kondizzjonijiet (ara l-Anness I 5 għal din id-Deċiżjoni.

Azjendi speċjaliżżati - prodotti ta' l-uċuħ

Tipi ta' biedja					
Ġenerali		Prinċipali		Partikolari	
Kodiċi		Kodiċi		Kodiċi	
1	Uċuħ speċjaliżżati tar-raba				
		11	Ċereali speċjalisti		
				111	Ċereali speċjalisti (barra mir-ross)
				112	Ross speċjalist
				113	Ċereali u ross ikkombinati
		12	Uċuħ ġenerali tar-raba		
				121	Uċuħ ta' l
				122	Ċereali u uċuħ ta' l
				123	Ħaxix speċjalist tar
				124	Uċuħ varji tar
2	Ortikultura speċjalista	20	Ortikultura speċjalista		
				201	Ħaxix speċjalist tal-ġnien tas-suq

Subdiviżjonijiet ta' tipi partikolari ta' biedja		Definizzjoni	Kodiċi tal-karatteristiċi u eġħtiebi (ref. L-Anness II Ċ)
Kodiċi			
		Uċuħ ġenerali (jiġifieri ċereali, ħaxix niexef, patata, zokkor tal-pitravi, eġħruq u tuberi għall-għalf, pjanti indutrijali, ħaxix frisk, bettiegħ, frawli – raba' miftuħa, pjanti għall-għalf, żereigħa u żerriegħa żgħira fart li tista' tinharat, uċuħ oħra f'art li tista tinharat u uċuħ sekondarji suċċessivi mhux għall-għalf) > 2/3	P1 > 2/3
		Ċereali > 2/3	P11 > 2/3
		Ċereali, eskluż ir-ross > 2/3	P111 > 2/3
		Ross > 2/3	D07> 2/3
		Azjendi fil-klassi 11, eskluži dawk fil-klassijiet 111 u 112	
		Uċuħ ġenerali > 2/3 – ċereali ≤ 2/3	P1> 2/3;P11 ≤ 2/3
		Patata, zokkor tal-pitravi u eġħruq u tuberi għall-għalf > 2/3	P121 > 2/3
		Ċereali > 1/3; eġħruq > 1/3	P11 > 1/3; P121 > 1/3
		Ħaxix frisk, bettiegħ u frawli tar-raba' miftuħa > 2/3	D14a > 2/3
		Azjendi fil-klassi 12, eskluži dawk fil-klassijiet 121, 122 u 123	
1241	Tabakk speċjalist	Tabakk > 2/3	D13a > 2/3
1242	Qoton speċjalist	Qoton > 2/3	D13ċ > 2/3
1243	żerriegħa taż-żejt u uċuħ tessili speċjalisti	Żerriegħa taż-żejt jew pjanti tal-fibri oħra u pjanti industrijali oħra > 2/3	D13d > 2/3
1244	Uċuħ varji tar-raba' ikkombinati	Azjendi fil-klassi 124, eskluži dawk fis-suddiviżjonijiet 1241, 1242, u 1243	
